# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 6 TA' LULJU 2001**

**Avviz Nru 327/99DM**

**Joe Pirotta, Dominic Pirotta, Anthony Pirotta, Mary armla minn Emanuel Caruana, Louise mart Maximillian Borg u l-istess Maximillian Borg, Giovanna mart Albert Mifsud u l-istess Albert Mifsud, Fiona Pirotta u Angelo Camilleri bhala mandatarju tal-assenti Marina Pirotta**

**Vs**

**Catherine Bugeja**

**Il-Qorti**

Rat l-avviz tal-atturi ghall-kundanna tal-konvenuta sabiex thallas is-somma ta' Lm676.28 bilanc minn ammont akbar, rappresentanti arretrati ta' kera mill-

konvenuta dovuti lill-istess atturi ghall-perjodu bejn l-14 ta' Marzu 1996 u d-19 ta' Dicembru 1996, iz-zewg dati inkluzi, relattivament ghall – hanut "Welcome Store", Narrow Street, Naxxar, gia mikri lill-atturi lill-konvenuta.

Bl-ispejjez, u bl-imghax legali mill-prezenti sal-effettiv pagament, kontra l-konvenuta li giet ingunta personalment ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Catherine Bugeja fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament in-nullita tal-avviz u dana stante li r-ragel tal-eccipjenti mhux inkluz f'dawn il-proceduri u ghalhekk il-gudizzju mhux wiehed integru;
2. L-atturi ghandhom kollha jippruvaw it-titolu taghhom bhala sidien tal-fond "Welcome Store" Narrow Street, Naxxar;
3. Minghajr ebda pregudizzju ghas-suesuppost it-talba tal-atturi ghandha tigi michuda u dana peress illi mhux minnu li l-konvenuta ghandha thallas xi arretrati ta' hlas ta' kera fuq il-fond "Welcome Store" Narrow Street, Naxxar u dana kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Bl-ispejjez kontra l-atturi

Rat il-verbal tal-15 ta' Novembru 2000 fejn id-difensur tal-konvenuta irrinunzjat ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti mill-atturi mhux biss jirrizultaw il-kundizzjonijiet tal-lokazzjoni tal-hanut in kwistjoni favur il-konvenuta u r-rata ta kera li kellha tithallas wara l-iskadenza ta 10 snin li bdew fl-14 ta Settembru 1986, izda jirrizula ukoll (v. Dok G a fol. 26) li l-istess konvenuta irrikonoxxiet li l-lokazzjoni spiccat fit-28 ta Dicembru 1996 u li kienet debitrici tal-atturi fl-arretrati ta kera u spejjes gudizzjarji.

Evidentement dawn l-arretrati jinkludu l-perijodu mill-14 ta Settembru 1996 sat-28 ta Dicembru 1996 fejn ir-rata miftehma kienet ta LM8 kull jum ( v. kuntratt Dok F a fol. 23) u bl-iskrittura tad-29 ta' Settembru 1993 l-istess konvenuta kienet iddikjarat li "ghandha piena konoxxenza" tal-kundizzjonijiet tal-lokazzjoni originali u intrabtet li tosservahom.

Ghalhekk l-allegazzjoni tal-konvenuta f'dawn il-proceduri li ma kienetx tghat il-kunsens ghar-rata ta kera stipulata ma tirrizultax. Anzi mill-provi prodotti jirrizulta l-oppost.

Ghaldaqstant fin-nuqqas ta kontestazzjoni tal-konteggi u prospett ipprezentati mill-atturi it-talba taghhom tirrizulta gustifikata u ghalhekk tilqa t-talba tal-atturi u tikkundanna liil-konvenuta sabiex thallas is-somma ta' Lm676.28 bilanc minn ammont akbar, rappresentanti arretrati ta' kera mill-konvenuta dovuti lill-istess atturi ghall-perjodu bejn l-14 ta' Marzu 1996 u d-19 ta' Dicembru 1996, iz-zewg dati inkluzi, relattivament ghall – hanut "Welcome Store", Narrow Street, Naxxar, gia mikri mill-atturi lill-konvenuta. Bl-imghax legali mill-1 ta Marzu 1999.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuta.

Magt Dr D Montebello B A LLD

A. Farrugia
Dep.Reg.

Civil 26